MINUTI

# Laqgħa tal-Kumitat Amministrattiv għal Marsalforn

Laqgħa Numru 30/2017

It-Tnejn 30 ta’ Ottubru 2017

Il-Kumitat Amministratttiv għal Marsalforn iltaqa’ fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali li jinsab fl-indirizz Triq il-Knisja, fil-5.30 ta’ filgħaxija.

PREŻENTI:

Is-Sinjura Marija Saliba – Chairperson
Is-Sur Frank Fenech – Deputat Chairperson
Is-Sur Martin Cefai – Membru
Is-Sinjura Sandra Grech – Membru
Is-Sindku s-Sur Nicky Saliba – Ex Officio

ASSENTI b’APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):
Is-Sur Simon Salomone Reynaud – Membru

ASSENTI:

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Is-Sinjura Josianne Cassar – Deputat Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Iċ-Chairperson ippresjediet il-laqgħa.

### 30.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

30.1.1 Iċ-Chairperson qalet li s-Sur Simon Salomone Reynaud kien skużat u l-membri preżenti unanimament aċċettaw l-apoloġija.

### 30.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

30.2.1 Billi l-minuti tal-laqgħa bin-nru. 29/2017 ġew ċirkulati minn qabel, dawn ġew meqjusa bħala moqrija.

30.2.2 Iċ-Chairperson talbet għal xi korrezzjonijiet li setgħa kien hemm għall-minuti.

30.2.3 Ma kienx hemm korrezzjonijiet għall-minuti.

30.2.4 Iċ-Chairperson talbet għall-approvazzjoni tal-minuti kif ippreżentati u staqsiet għal dawk li kienu favur, kontra jew li ser jastjenu. Minħabba li kien jidher li kulħadd kien favur, dawn il-minuti ġew approvati u ffirmati.

### 30.3 Komunikazzjoni miċ-Chairperson

30.3.1 Ma kien hemm l-ebda komunikazzjoni.

### 30.4 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Membri

30.4.1 Ma kienx hemm mistoqsijiet tal-Membri.

### 30.5 *Items* oħra ta' xogħol ieħor tal-Kumitat Amministrattiv għal Marsalforn li jkunu meħtieġa

30.5.1 Il-Kumitat unanimament qabel illi:

- Jitneħħew l-i*skips* u bi prova għal xahrejn il-borża s-sewda tinġabar kuljum mit-Tnejn sas-Sibt;
- Issir laqgħa mas-sidien tar-*restaurants* biex tiġi ndirizzata l-

problema tal-iskart;

- Issir il-*pedestrian crossing* fi Triq il-Qbajjar kif approvata minn Transport Malta;
- Triq l-Isqof Pace u Triq Ulisse jsiru bil-*parking bays*;
- Jittieħed parir mingħand il-Perit għal soluzzjoni tal-periklu li jeżisti ħdejn il-Mellows;
- Jinġabru kwotazzjonijiet sabiex titneħħa s-siġra li hija ta' periklu ħdejn Montanaro fi Triq l-Isqof Pace;
- Jitgħatta r-*reserved parking* fi Triq Barda li kien approvat minn Transport Malta għall-perjodu ta' 4 xhur (Ġunju sa Settembru).

30.5.2 Ilment nru. KAM 28/2017 – S Theuma
Biex isir *double yellow line* quddiem l-entratura ta' Falcon Crt fi Triq ir-Rabat peress li qed ikollhom problema biex jidħlu ġol-blokka bil-*pram*. Huwa ssuġġerixxa li jekk dan ma jseħħx għandhom isiru *double yellow lines* ma kull naħa tal-garaxxijiet. Il-Kumitat ma qabilx li jsir *double yellow line* quddiem l-entratura tal-blokka għar-raġuni li l-għan tal-Kumitat huwa kif ser iżid il-*parking* u mhux kif ser inaqqsu. Il-Kumitat qabel li jsiru *double yellow lines* kull naħa tal-garaxxijiet. Peress li din it-triq hija responsabilita' tal-Gvern Ċentrali, ser ngħaddu dan l-ilment lil min hu kkonċernat.

30.5.3 Ilment nru. KAM 29/2017 – Gwardjan Lokali
Biex isiru *double yellow lines* fi Triq il-Qolla s-Safra kantuniera ma Triq Manwel Magro. Il-Kumitat ma qabilx.

30.5.4 Ilment nru. KAM 30/2017 – V Refalo
Ilmenta sabiex jitneħħa l-i*skip* li jinsab fi Triq il-Qbajjar faċċata ta' Triq il-Qolla s-Safra. Dan l-ilment ġie ndirizzat.

30.5.5 Ilment nru. KAM 31/2017 – M Buttigieg
Ilmenta biex isiru *double yellow lines* fi Triq tan-Naħla mal-ħajt t'għalqa faċċata ta' Buttigieg Flats. Il-Kumitat ma qabilx.

30.5.6 Ilment nru. KAM 32/2017 – R Refalo
Mera perikoluża għandha bżonn tinbidel u ssir ġdida li tinsab fi Triq ir-Rabat. Il-Kumitat qabel illi ssir talba lill-Gvern Ċentrali biex issir din il-mera.

30.5.7 Ilment nru. KAM 33/2017 – N Saliba
Issir mera ġdida fi Triq ir-Rabat. Din ser tiġi ndirizzata.

30.5.8 Ilment nru. KAM 34/2017 – D Cordina
Biex issir *sign* fuq kanna tad-*disabled* maġenb kaxxa tad-*disabled* eżistenti quddiem Jumbo fi Triq il-Qolla s-Safra. Iċ-*Chairperson* qalet illi quddiem Jumbo m'hemm l-ebda kaxxa tad-*disabled*, *skip* biss hemm.

30.5.9 Ilment nru. KAM 35/2017 – J Mizzi
Ilmenta biex titwaħħal tabella *No Parking* li ġiet maqlugħa man-naħa tal-Calypso fejn is-soltu tkun mas-*service door* tal-Calypso sal-Knisja. Il-Kumitat qabel illi ssir din it-tabella.

30.5.10 Ilment nru. KAM 36/2017 – M Hili
Talab sabiex issir tabella bil-ħinijiet u l-ġranet ta' meta jinġabar iż-żibel b'lingwi differenti ġo Marsalforn. Il-Kumitat ma qabilx u ntqal li dan ma jsir fl-ebda pajjiż fl-Ewropa.

30.5.11 Ilment nru. KAM 37/2017 – J Gatt
Biex isiru *double yellow lines* fi Triq ta' Barda ħdejn Ta' Trieste. Il-Kumitat ma qabilx.

30.5.12 Ilment nru. KAM 38/2017 – J Gatt
Biex isiru tabelli tan-*No Parking* fi Triq ta' Barda. Il-Kumitat ma qabilx.

30.5.13 Ilment nru. KAM 39/2017 – M Hili
Talab sabiex ma jitpoġġiex *skip* fi Triq ta' Villa Fiorita. Il-problema ser tiġi ndirizzata.

30.5.14 Inqrat Ċirkulari Numru 32/2017 bis-suġġett Kjarifika dwar Permessi maħruġa mill-Kunsilli Lokali skont L.S. 441.04. B'referenza għal din iċ-Ċirkulari l-Kumitat qabel illi dawn it-toroq biss għandhom jiġu affettwati:

- Triq Rabat (mill-Cantonese 'l isfel);
- Triq il-Qbajjar;
- Triq Santa Marija (mill-bidu tagħha sa Triq Manwel Magro).

30.5.15

Fuq proposta tas-Sindku l-Kumitat qabel illi jsiru żewġ bozoz ġodda,

waħda ħdejn Villa Fiorita u l-oħra ħdejn Tranquility Court, fi Triq is-Salini. Sar qbil illi dik ta' ħdejn Villa Fiorita ssir bil-pannella.

30.5.16 Transport Malta kitbet lill-Kunsill sabiex isir *traffic management* fi Triq is-Sajjied. Waħda mill-miżuri li jridu jimplimentaw hija li ma jsirx parkeġġ fuq iż-żewġ naħat tat-triq sabiex ikun jippermetti li r-residenti jagħmlu *u-turn* peress li t-triq hija *dead-end*. Il-Kumitat ma qabilx peress li ser jitnaqqas il-parkeġġ. Dwar dan is-suġġeriment il-Kumitat irċieva wkoll korrispondenza mill-Ministeru għal Għawdex.

30.5.17

L-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali bagħtet notifika dwar permessi biex jitpoġġew imwejjed u siġġijiet quddiem Site A4 Pulena, fi Triq il-Port.

30.5.18

Il-Perit Edward Scerri f'isem il Gambero Restaurant talab il-*clearance* tal-Kunsill in konnessjoni mal-permess PA 5628/16. Il-Kumitat qabel illi jinfurmah illi l-Kunsill qatt ma ntalab jagħti *clearance* simili peress li s-soltu joħorġu minn Awtoritajiet oħra.

30.5.19

Is-Sindku spjega illi kif jafu l-membri kollha, l-Kunsill qabel illi l-fondi (€9615.38) li l-Kunsill ser jieħu mill-Inizjattiva Finanzjarja ser jiġu allokati għall-proġett ta' Triq Għar Qawqla. Għaldaqstant saret laqgħa mal-i*stakeholders* kollha fuq il-post.

Il-Korporazzjoni EneMalta lesti li jagħmlu spejjez tagħhom it-trinka li hemm bzonn għad-dawl. Il-Korporazzjoni tal-Ilma mhix lesta li tagħmel l-ispiża kollha hi peress li jrid jinbidel il-*main* tal-ilma.

Is-Sindku ppropona li peress it-triq tinsab fi stat diżastruz tingħata t-tarmak kollha kemm hi. Kien hemm qbil unanimu. Inġabru żewġ stejjem li huma:

- €49,156.20 triq titqaxxar kollha u tingħata żewġ pulzieri tarmak;
- €84,035.91 tinqala t-triq u tingħata t-tarmak;

Il-Kumitat qabel illi t-triq titqaxxar kollha u tingħata żewġ pulzieri tarmak sabiex jiġu evitati problemi ulterjuri.

Sar qbil ukoll illi ssir insistenza mal-Korporazzjoni tal-Ilma sabiex l-ispejjez għall-*main* isiru kollha mill-Korporazzjoni. Jekk dan ma jseħħx it-triq issir xorta mingħajr ma jinbidel il-*main* tal-ilma.

30.6

Mozzjonijiet

30.6.1

Ma kienx hemm mozzjonijiet.

30.7

Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

30.7.1

Il-laqgħa tal-Kumitat intemmet fis-7.15 ta' filgħaxija u ġiet aġġornata għat-Tlieta 21 ta' Novembru 2017 fil-5.30 ta' filgħaxija.

Konfermati, illum it-Tlieta 21 ta' Novembru 2017.

| | |
|---|---|
| Iffirmata | Iffirmata |
| Marija Saliba | Josianne Cassar |
| Chairperson | Deputat Segretarju Eżekuttiv |